Stampa u Informazzjoni

Il-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea
**STQARRIJA GĦALL-ISTAMPA Nru 145/20**
il-Lussemburgu, 24 ta' Novembru 2020

Sentenza fil-Kawżi Magħquda C-225/19 u C-226/19
R.N.N.S. u K.A. vs Minister van Buitenlandse Zaken

# Stat Membru li jieħu Deċiżjoni ta' rifjut ta' viża "Schengen", minħabba oġġezzjoni magħmula minn Stat Membru ieħor, għandu jindika, f'din id-deċiżjoni, l-identità tal-Istat Membru kkonċernat kif ukoll il-motivazzjoni speċifika tar-rifjut ibbażata fuq din l-oġġezzjoni, flimkien, jekk ikun il-każ, mar-raġunijiet għal din l-oġġezzjoni

Ċittadin Eġizzjan, residenti fil-pajjiż ta' oriġini tiegħu (Kawża C-225/19), u ċittadin Sirjan, residenti fl-Arabja Sawdija (Kawża C-226/19), ressqu talbiet għal viża "Schengen" [1] quddiem il-Minister van Buitenlandse Zaken (il-Ministru tal-Affarijiet barranin, il-Pajjiżi l-Baxxi, iktar 'il quddiem il-"Ministru"), sabiex ikunu jistgħu jżuru lil membri rispettivi tal-familja tagħhom, residenti fil-Pajjiżi l-Baxxi. Madankollu, it-talbiet tagħhom ġew miċħuda u, konformement mal-Kodiċi dwar il-Viżi, din iċ-ċaħda ġiet ikkomunikata lilhom permezz ta' formula standard [2], li għandha ħdax-il kaxxa li jkollha tiġi mmarkata skont ir-raġuni mogħtija. F'dan il-każ, peress li ġiet immarkata s-sitt kaxxa, ir-rifjut ta' viża ġie spjegat bil-fatt li l-persuni interessati tqiesu li kienu theddida għall-ordni pubbliku, għas-sigurtà interna, għas-saħħa pubblika, jew għar-relazzjonijiet internazzjonali ta' Stat Membru [3]. Dan ir-rifjut kien jirriżulta minn oġġezzjonijiet magħmula mill-Ungerija u l-Ġermanja, li kienu ġew ikkonsultati minn qabel mill-awtoritajiet Olandiżi fil-kuntest tal-proċedura prevista mill-Kodiċi dwar il-Viżi [4]. Madankollu, fil-formula, ebda informazzjoni ma ngħatat lill-persuni interessati fuq l-identità ta' dawn l-Istati Membri, fuq il-motivazzjoni preċiża ta' rifjut meqjus fost l-erbgħa possibbli (theddida għall-ordni pubbliku, għas-sigurtà interna, għas-saħħa pubblika jew għar-relazzjonijiet internazzjonali), jew fuq ir-raġunijiet li minħabba fihom tqiesu li kienu jikkostitwixxu din it-theddida.

Il-persuni interessati ressqu kontestazzjoni quddiem il-Ministru, liema kontestazzjoni ġiet miċħuda. Huma allura ressqu rikors [5] quddiem ir-Rechtbank Den Haag, zittingsplaats Haarlem (il-Qorti Distrettwali ta' Den Haag, sedenti f'Haarlem, il-Pajjiżi l-Baxxi), li bih sostnew li ma kinux ingħataw protezzjoni ġudizzjarja effettiva, sa fejn kien impossibbli għalihom jikkontestaw dawn id-deċiżjonijiet fuq il-mertu. Din il-qorti ddeċidiet li tistaqsi lill-Qorti tal-Ġustizzja, minn naħa, fuq il-motivazzjoni li għandha jkollha deċiżjoni ta' rifjut ta' viża, meta dan ir-rifjut ikun iġġustifikat b'oġġezzjoni maħruġ minn Stat Membru ieħor, kif ukoll, min-naħa l-oħra, fuq il-possibbiltà li din il-motivazzjoni ta' rifjut tiġi suġġetta għal stħarriġ ġudizzjarju, fil-kuntest ta' rikors kontra d-deċiżjoni ta' rifjut ta' viża, u fuq il-portata ta' dan l-istħarriġ.

Kunsiderazzjonijet tal-Qorti tal-Ġustizzja

Fl-ewwel lok, il-Qorti tal-Ġustizzja tiddeċiedi li l-Istat Membru li jkun ħa deċiżjoni ta' rifjut ta' viża, minħabba l-oġġezzjoni magħmula minn Stat Membru ieħor, għandu jindika, f'din id-deċiżjoni, l-

---

[1] Viża għat-tranżitu jew għas-soġġorn prevista fit-territorju tal-Istati Membri ta' tul massimu ta' tliet xhur f'perijodu ta' sitt xhur. Din il-viża tinħareġ minn Stat Membru, konformement mar-Regolament (KE) Nru 810/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Lulju 2009 li jistabbilixxi Kodiċi Komunitarju dwar il-Viżi (ĠU 2009, L 243, p. 1), kif emendat bir-Regolament (UE) Nru 610/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tas-26 ta' Ġunju 2013 (ĠU 2013, L 182, p. 1) (iktar 'il quddiem il-"Kodiċi dwar il-Viżi").
[2] Formula li tinsab fl-Anness VI tal-Kodiċi dwar il-Viżi u msemmija fl-Artikolu 32(2) ta' dan il-kodiċi.
[3] Motivazzjoni ta' rifjut prevista fl-Artikolu 32(1)(a)(vi) tal-Kodiċi dwar il-Viżi.
[4] Proċedura ta' konsultazzjoni minn qabel prevista fl-Artikolu 22 tal-Kodiċi dwar il-Viżi.
[5] Rikors previst fl-Artikolu 32(3) tal-Kodiċi dwar il-Viżi.

identità ta' dan l-aħħar Stat Membru, kif ukoll il-motivazzjoni speċifika ta' rifjut li tkun il-bażi ta' din l-oġġezzjoni, flimkien, jekk ikun il-każ, mas-sustanza tar-raġunijiet għal din l-oġġezzjoni

F'dan ir-rigward, il-Qorti tal-Ġustizzja tenfasizza li l-karatteristiċi ta' rikors kontra deċiżjoni ta' rifjut ta' viża għandhom jiġu ddeterminati konformement mal-Artikolu 47 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea, li tiggarantixxi d-dritt għal rimedju effettiv. Issa, bis-saħħa ta' dan, il-persuna interessata għandha tkun tista' tkun taf il-motivazzjoni li fuqha tkun ibbażata d-deċiżjoni meħuda fil-konfront tagħha, kemm minn qari tad-deċiżjoni nnifisha, kemm minn komunikazzjoni ta' din il-motivazzjoni magħmula fuq talba tagħha. Barra minn hekk, il-Qorti tal-Ġustizzja tindika li, anki jekk il-motivazzjoni korrispondenti għas-sitt kaxxa tal-formula hija predefinita, l-awtorità nazzjonali kompetenti hija marbuta li tindika l-informazzjoni neċessarja fit-taqsima intitolata "Rimarki". Barra minn hekk, il-Qorti tal-Ġustizzja tinnota li hemm formula standard ġdida li fiha r-raġunijiet varji ta' rifjut possibbli, li qabel kienu indikati b'mod indistint, issa huma distinti wieħed mill-ieħor [6].

Fit-tieni lok, il-Qorti tal-Ġustizzja tiddeċiedi li l-qrati tal-Istat Membru li jkun ħa deċiżjoni ta' rifjut ta' viża, minħabba oġġezzjoni magħmula minn Stat Membru ieħor, ma jistgħux jeżaminaw il-legalità tal-mertu ta' din l-oġġezzjoni. Hija għal din ir-raġuni li l-Istat Membru li jkun ħa d-deċiżjoni ta' rifjut ta' viża għandu wkoll jippreċiża, f'din id-deċiżjoni, l-awtorità li lilha min jagħmel it-talba jkun jista' jindirizza ruħu sabiex isir jaf ir-rimedji ġudizzjarji disponibbli għal dan il-għan fl-Istat Membru li jkun għamel oġġezzjoni.

Sabiex tasal għal din il-konklużjoni, il-Qorti tal-Ġustizzja tenfasizza l-ewwel nett li, ċertament, l-istħarriġ ġudizzjarju mwettaq mill-qrati tal-Istat Membru li jkun ħa d-deċiżjoni ta' rifjut ta' viża għandu bħala għan l-eżami tal-legalità ta' din id-deċiżjoni. Madankollu, l-awtoritajiet nazzjonali kompetenti għandhom marġni ta' diskrezzjoni wiesa' fl-eżami tat-talbiet għal viża, f'dak li jirrigwarda l-kundizzjonijiet ta' applikazzjoni tar-raġunijiet għar-rifjut previsti mill-Kodiċi dwar il-Viżi u l-evalwazzjoni tal-fatti rilevanti. L-istħarriġ ġudizzjarju ta' dan il-marġni ta' diskrezzjoni għaldaqstant sempliċement għandu jivverifika jekk id-deċiżjoni kkontestata tkunx ibbażata fuq bażi fattwali suffiċjentement soda, u jiżgura li ma tkunx ivvizzjata minn żball manifest. F'dan ir-rigward, meta r-rifjut ta' viża jkun iġġustifikat mill-fatt li Stat Membru ieħor ikun oppona l-ħruġ tiegħu, dawn il-qrati għandhom ikollhom il-possibbiltà li jiżguraw li l-proċedura ta' konsultazzjoni minn qabel tal-Istati Membri l-oħra prevista mill-Kodiċi dwar il-Viżi tkun ġiet applikata sew u, b'mod partikolari, li jivverifikaw jekk min jagħmel it-talba jkunx ġie identifikat korrettament bħala dak li jkun qed issemma mill-oġġezzjoni kkonċernata. Barra minn hekk, dawn il-qrati għandhom ikunu jistgħu jivverifikaw li l-garanziji proċedurali, bħall-obbligu ta' motivazzjoni, ikunu ġew osservati. Min-naħa l-oħra, l-istħarriġ tal-fondatezza tal-oġġezzjoni magħmula minn Stat Membru ieħor jaqa' fuq il-qrati nazzjonali ta' dan l-Istat Membru l-ieħor.

---

**NOTA:** Ir-rinviju għal deċiżjoni preliminari jippermetti, lill-qrati tal-Istati Membri fil-kuntest ta' kawża mressqa quddiemhom, li jitolbu lill-Qorti tal-Ġustizzja interpretazzjoni tad-dritt tal-Unjoni jew li tiddeċiedi dwar il-validità ta' att tal-Unjoni. Il-Qorti tal-Ġustizzja ma taqtax il-kawża nazzjonali. Hija l-qorti nazzjonali li għandha ssib soluzzjoni għall-kawża skont id-deċiżjoni tal-Qorti tal-Ġustizzja. Din id-deċiżjoni torbot, bl-istess mod, lill-qrati nazzjonali l-oħra li quddiemhom titressaq problema simili.

---

*Dokument mhux uffiċjali għall-użu tal-mezzi tal-komunikazzjoni li ma jorbotx lill-Qorti tal-Ġustizzja.*

*It-test sħiħ tas-sentenza jinsab fis-sit CURIA mill-jum li fih tingħata s-sentenza*

*Kuntatt għall-istampa: Jacques René Zammit ☎ (+352) 4303 3355*

[6] Anness III tar-Regolament (UE) 2019/1155 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tal-20 ta' Ġunju 2019, li jemenda r-Regolament (KE) Nru 810/2009 li jistabbilixxi Kodiċi Komunitarju dwar il-Viżi (Kodiċi dwar il-Viżi) (ĠU 2019, L 188, p. 25, rettifika fil-ĠU 2020, L 20, p. 25).